**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 389 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**kontra**

**Benjamin Mellish**

Illum 18 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Benjamin Mellish, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 188696 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Ghamel, ordna jew gieghel li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passigieri bilqeghda jew l-arrangamenti ghas-sedili tal-passigieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna minghajr l-approvazzjoni miktuba ta l'Awtorita (L.S. 65.11. Artiklu 91(1)(a)).
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1(a), (2)).

3. Naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, ghaliex jitmexxa t-traffiku jew ghall kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijietu, waqt li kien qed issuq jew kellu fil-kontroll tieghuvettura bil-mutur. (L.S. 65.11 Artiklu 124(1)).
4. Waqt li kien qed issuq vettura bil-mutur, mar kontra is-sinjal tat-traffiku (No entry) (L.S. 65.05. Artiklu 2 (II A (c)).
5. Mexxa jew haddem magna ta' vettura b'mod li taghmel hsejjes zejda (L.S.65.11 Artiklu 105).
6. Waqt li kien qed issuq vettura bil-mutur naqas li jieqaf f'post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika 'Stop' (L.S.65.05 Artiklu 2 (II E (a)(2)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tat-12 t' Ottubru, 2021, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet (bit-trapass ta' tlett xhur mid-data tal-allegat reati sad-data tan-notifika tal-imputat bil-komparixxi) migjuba kontrih.

Filwaqt illi sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni numru 2 izda fil-grad inqas ta' sewqan bla kont (Kap 65. Art. 15 (1)), stante illi sewqan perikoluz ma' giex ippruvat. Irrizulta sewqan bla kont stante illi mix-xhieda ta' PC 1063 u PC 0281 irrizulta illi b' diversi manuvri fosthom velocita eccessiva, dhul gewwa triq kontra s-sinjal ta' traffiku u t-tifi tad-dawl tal-vettura, l-imputat deliberament ha riskji li ma kellux jiehu minhabba l-probabilita' li jikkawza hsara lit-terz.

Ikkundannatu jhallas il-multa ta' tlett mitt ewro pagabbli f' pagamenti ugwali (Kap. 9 Art. 14 (2)).

Iskwalifikatu milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 4 xhur (Kap. 65 Art. 15 (2)).

Imponiet tlett punti penali (LS 65. 18 Art. 36B (1). Skeda 6).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Benjamin Mellish, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 t' Ottubru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tbiddel u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni, thassar u tirrevoka l-parti fejn instab hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; jew

b. alternattivament, jekk din l-Onorabbli Qorti ma tilqax t-talba tieghu biex tilliberah minn kull htija u piena, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tirrevokaha kwantu l-piena imposta u minflok timponi piena iktar gusta u ekwa li tirrifletti c-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tar-rikorrenti appellant huma cari, manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;

1. Illi <u>l-ewwel aggravju</u> jirrigwarda apprezzament zbaljat tal-fatti mill-Ewwel Qorti;

2. Illi l-appellant bir-rispett isostni illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghat ragjonevolment u legalment tasal biex issib htija dwar it-tieni imputazzjoni abbazi tal-provi prezentati mill-proksekuzzjoni;

3. Illi bir-rispett kollu l-provi li qieset l-Ewwel Qorti biex wasslet ghas-segwenti konkluzjoni: *"diversi manuvri fosthom velocita eccessiva, dhul gewwa triq kontra s-sinjal ta' traffiku u t-tifi tad-dawl tal-vettura"* ma jwasslux sal-grad rikjest mill-ligi biex tinstab htija kriminali;

4. Illi huwa pacifiku li sewqan bla kont jikkontempla *'sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi...'.*[1] *In oltre,* l-istess sentenza tippreciza *'hsara li tista tirrizulta lill-terzi'* b'dan il-mod: *"Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, **wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incidentu l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel**"* (sottolinear mizjud).

5. Illi bir-rispett kollu, il-provi bl-ebda mod ma jirriflettu prezenza ta' terzi jew biss ipotezi ta' potenzjali hsara li tista tirrizulta lill-terzi. Dan minbarra l-fatt li l-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma uriet x'ridet tifisser biha *'kontra s-sinjali tat-traffiku'*. Bir-rispett kollu, jezitu diversi sinjali tat-traffiku liema sinjali jgorru obbligi diversi u uhud iktar jew iqnaas oneruzi minn ohrajn;

6. Illi dan iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li l-allegat sewqan bla kont kien qieghed isehh fil-hinijiet ta' bil-lejl fejn gewwa l-lokalita' tal-Belt Valletta wiehed ma jintaqax ma wisq traffiku;[2]

7. Illi *di piu* u skond dak li tiddisponi d-Direttiva Ewropea 2013/48/UE dak kollu li stqarr l-esponent, stqarru minghar ma nghata d-dritt ghall-avukat u ghaldqastant m'ghandux jingieb bhala prova kontra tieghu u ghanda tigi skartata;

8. Illi <u>t-tieni aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fl-ewwel aggravju u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena erogata hija wisq gravuza;

---

[1] Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud – 6 ta' Mejju, 1997 per Imhallef Vincent de Gaetano.
[2] Ibid – *"Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incidentu l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

9. Illi fil-kaz odjern ma jistax jinghad li per ezempju l-appellant ma kienx kopert minn polza ta' assigurazzjoni u licenzja tat-triq valida. Huwa kien kopert kemm b'polza ta' assigurazzjoni u kif ukoll b'licenzja tat-triq valida u dan kif mistenni minnu bhala sewwieq prudenti;

10. Illi b'zieda ma' dan l-appellant huwa guvni ta' 25 sena, li jahdem u jikontribwixxi lis-socjeta. Kif ser jigi amplifikat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-licenzja tas-sewqan hija essenzjali sabiex l-appellant jahdem fix-xoghol tieghu ta' Boat Master mal-kumpanija A&J Company Ltd. Minghajrha l-esponent ser jitkecca minn xogholu;

11. Illi forsi wiehed jaghti piz ukoll il-fatt li l-esponent huwa persuna f'fedina penali nadifa;.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravji imressaq mill-appellant, huwa jikkritika l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti u dan meta jghi illi ma kien hemm l-ebda prova li s-sewqan tieghu kien wiehed bla kont. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura

din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[3].

Din il-Qorti ghalhekk kellha tezamina mill-gdid il-fatti tal-kaz u mismugha x-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti.

Il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **PC 1063 J Mizzi** fejn dan spjega li nhar l-1 ta' Mejju 2020 ghall-habta tad-9.50 a.m waqt li hu u PC 281 kienu qeghdin ronda bil-vettura tas-servizz u kienu hergin minn Triq l-Ifran ghal gewwa Triq is-Sur tal-Francizi gewwa l-Belt Valletta innutaw zewg persuni isuqu muturi li kienu qed jaghmlu hafna storbju liema storbju kien gej minn silencer u kif ukoll kienu ghaddejja b'velocita eccessiva u li fuq hekk ghamlilhom sinjal sabiex jieqfu billi xeghlu s-sirena izda dawn iktar grew u telqu direzzjoni lejn Sant Iermu.

Huma saqu ghal warajhom halli jiccekkjawhom peress li qabduhom suspett li setghu kieu parti mill-grupp li dejjem ikollhom telefonati fuqhom peress li joqghodu itelqu l-vetturi u l-muturi f'dik l-akwata u jhallu s-sinjali tar-roti ma l-art u kif ukoll jikkawzaw hafna storbju.

Ta' min jghid li dawn ma waqfux mill-ewwel u baqghu sejrin jigru b'velocita kbira u storbju li kien gej mis-silencer fejn dawn daru lejn Sant Iermu u hawn dahlu kontra s-sinjal tat-traffiku gewwa Triq ir-Repubblika fejn dawn telghu din it-triq 'l fuq sakemm

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-**Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

kisru lejn il-lemin ghal Triq San Nikola gewwa l-Belt Valletta fejn hawn regghu ghaddew kontra s-sinjal tat-traffiku u hargu ghal triq il-Fran gewwa l-Belt u kisru ghal Triq is-Sur tal-Francizi gewwa l-Belt Valletta u gibdu lejn il-gun post u hawn kisru lejn Marsamxett gewwa l-Belt Valletta u baqghu sejrin gewwa Triq San Mark fil-Belt Valletta fejn hawn wiehed minnhom ma rawhx iktar u fuq hekk baqghu jigru wara dak li kellhom quddiemhom fejn dan kiser ghal Triq il-Fran l'isfel u fl-ahhar dar fuq ix-xellug fejn dahal gewwa Triq l-Arcisqof gewwa il-Belt Valletta fejn hawn hu waqaf bil-mutur.

Hemmhekk hu staqsih ghaliex ma kienx waqaf mill-ewwel u kif ukoll fejn mar l-mutur l-iehor fejn hu qal li ma kienx semaghhom jigru warajh u kif ukoll li ma kienx jaf fejn seta mar ix-xuffier l-iehor u hawn talbu sabiex jaghmel kuntatt mieghu u jghidlu sabiex imur l-ghassa tal-Belt, izda dan ma irrispondiex it-telefon. Hemmhekk tkellem max-xufier tal-mutur li waqfu. Il-mutur kien tal-ghamla Piaggio bin-numru ta' registrazzjoni JBW- 618 u talbu sabiex jurih xi dokument tieghu fejn dan kien jismu Benjamin Mellish bin-numru ta' karta ta' identita 188696(M).

Kif kienu fuq il-post setghu jinnotaw li l-mutur kellu s-silencer immodifikat u kien jidher li mhux normali u mhux bhal muturi l-ohra u meta staqsih fuqu Benjamin qallu li jhobb jirranga u jimmodifika fil-muturi u l-karozzi u kompla isaqsih jekk kienx informa lil tat-Transport Malta b'dan it-tibdil fejn hu stqarr li ma kien informa 'l hadd u hawn qallu ukoll li ma kienx waqaf mill-ewwel ghax beda jibza' minn xi konsegwenzi koroh.

Benjamin Mellish gie infurmat li kienu ser jittihdu passi kontrih il-Qorti.

Rat ukoll l-affidavit ta' **PC 281 Damian S Mackay** esebit fl-atti a fol. 4 tal-process. Dan stqarr li nhar l-1 ta' Mejju 2020 ghall-habta ta' 21.50 p.m waqt li kien ronda gewwa l-Belt Valletta fl-akwati ta' Sant Iermu Valletta huwa flimkien ma PC 1063 J Mizzi

innutaw zewg muturi (scooters) li kienu ghaddejjin b'velocita u hoss qawwi gej minn silencer.

Huwa saq wara l-muturi imma ma lahaqhomx. Ftit hin wara regghu gew innutati ghaddejjin minn Triq il- Francizi, Valletta fid-direzzjoni opposta taghhom u ghalhekk saq warajhom u dahlu gewwa Triq Repubblika, Valletta *wrong way* u baqghu isegwuhom bid-dawl u sirena mixghula imma xorta wahda baqghu izidu l-velocita u tfew id-dawl ukoll tal-muturi, kisru gewwa Triq San Nicola, Valletta *wrong* way u hargu ghal Triq Marsamxett, Valletta. Mutur wehed minnhom ma baqax jidher u intlemah mutur ta' lewn ahmar u abjad diehel lejn Triq San Marku, Valletta u kiser lejn triq l-Ifran, Valletta u gie imwaqqaf fi Triq l-Arcisqof, Valletta. Dan wara li sar insegwiment ghal diversi minuti b'velocita qawwija gewwa il-Belt Valletta.

Gie innutat li mutur kien modifikat biex jigri iktar, silencer mibdul u kellu frame apposta. Is-sid tal-mutur certu Benjamin Mellish detentur tal-karta ta' identita numru 188696M (numru cellulari 77111900) numru ta' registrazzjoni tal-mutur JBW 618 ghamla Piaggio. Benjamin gie mistoqsi ghaliex ma waqafx mill-ewwel u dan stqarr '*li ma indunax*' fejn wara qal '*li beda jibza jieqaf*'. Kif ukoll gie mistoqsi jekk l-gharmar li ghandu il-mutur huwiex biex jigri aktar fejn wiegeb '*ija*' u jekk sarux l-amendi li hemm bzonn ma Transport Malta rigward il-mutur fejn wiegeb '*Le*'. Rigward licenzja kienet valida li jista' isuq mutur 125cc. Rigward sid il-mutur l-iehor ma kienx jaf in-numru tal-pjanca imma pprovda d-dettalji ta' min kien qieghed jaghmel uzu minnu, certu Danizio.

Benjamin gie infurmat li setgha jitlaq u li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu fuq diversi kontravenzonijiet.

Nhar is-6 ta' Lulju, 2021 xehed **Stephen Cachia** in rappresentanza ta' Transport Malta u spjega li kienu gew mitluba jghamlu ricerka fuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni IBW 618 u irrizulta li dan hu tal-ghamla Piaggio ta' kulur ahmar u huwa registrat fuq

il-persuna ta' Benjamin Mellish. Dan kien registrat fuqu fil-perijodu bejn is-27 ta' Dicembru 2019 sas-26 ta' Ottubru, 2020. Wara l-mutur gie registrat fuq Jacob Pace. Gew mitluba ukoll jghamlu ricerka fuq is-silencers ta' dan il-mutur u mir-ricerka li ghamel irrizulta li min naha tal -Awtorita ma kien hemm l-ebda permess jew xi haga mahruga rigward silencer ta' dan l-imsemmi mutur. In kontro ezami jghid li sa fejn jaf hu l-mutur ghadu fl-istess kundizzjoni ta' kif hareg mill-fabbrika. Huwa esebixxa dokument *vehicle details*.[4]

**Danizio Buttigieg** xehed nhar is-6 ta' Lulju 2021 u jghid li kienu cemplulu l-pulizija fuq incident partikolari ghaliex meta sabu lil Benjamin Mellish ma kienx mieghu. Jaf li kienu sabu lil Mellish ghaliex kienu qalulu l-ghassa u spjega li ma ra xejn rigward l-incident li kelmuh dwaru.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ser tiskarta dak kollu li setgha qal l-appellant lill-ufficjali tal-pulizija li rrilaxxjaw l-affidavits taghhom u sejra toqghod biss fuq dak li qalu l-ufficcjali li kkonstataw de prorpio.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "*degree*"[5] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom[6]. Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "*recklessness*"[7] . "*Recklessness*" giet defenita bhala "*wilfully shutting one's*

[4] Fol. 15 tal-process
[5] App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo 14.3.59; il-Pulizija. vs. Wilson" Vol. XXXIX p. 1018 u "Il-Pulizija vs. Alfred Vella" (Vol. XLIV ; p. 933
[6] App. Krim. "Il-Pulizija. vs. Hardingham" , [19.10.1963
[7] App. Kim. "Il-Pulizija. vs. Charles Farrugia" XXXIX p. 1018.

*eye*"[8] . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.[9].

Illi minkejja dawn il-gradi tas-sewqan, l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan 'bla kont'. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**[10] ddikjarat;-

*"Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna. Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tarregolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'.*

*Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk*
*kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista'*
*jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...*[11]

Illi maghdud dana kollu jirrizultaw zewg fatturi importanti sabiex jigi determinat

---

[8] App. Krim. "il-Pulizija. vs. Joseph Aquilina", [20.4.1963
[9] App. Krim. "il Pulizija. vs. Antonio Spiteri" , Vol. XLIV, p.892
[10] Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, 27.07.2011
[11] Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997

ir-responsabbilta` ghal dana l-incident:

1. L-appellant qatt ma setgha isuq kontra id-direzzjoni tat-traffiku u jidhol fi triq bis-sinjal ta 'one way 'kif konfermat mill-ufficcjali tal-pulizija, u mhux talli hekk izda li saq bi speed ecccessiv, tant li spiccat speci ta' car chase. Hawhekk il-Qorti tindirizza lill-avukat difensur li minkejja li vera hemm 34 sinjali tat-traffiku l-ufficcjal tal-pulizija indika fl-affidavit tieghu liema sinjal tat-traffiku kien naqas li josserva l-appellant u cioe dik li dahal f'zewg toroq kontra s-sinjal tat-traffiku (one way). Huwa veru ukoll kif stqarr l-avukat difensur li ma hemmx bzonn ta' prova xjentifika ta' sewqan eccessiv u dak li qalu l-ufficcjali fir-rigward tas-sewqan tal-appellant li kien qed isuq b'mod eccessiv ma giex kontradett minn hadd.

2. L-appellant naqas milli zzomm '*a proper look*' out billi u dan bla referenza ghal dak li setgha qal l-istess appellant lill-pulizija huwa ma waqafx meta l-pulizija kienet qed tigri warajh bis-sirena mixghula. Li kieku kellu proper look out ghal dak li kien qed jigri madwaru dan zgur li kien jieqaf u dan biex jara x'riedu l-pulizija specjalment kieku emmen li ma kien qed jghamel xejn hazin fis-sewqan tieghu.

3. Ma hemmx dubbju li s-sewqan tal-appellant pero ma kienx jammonta ghal sewqan bla kont u dan ghaliex kif tajjeb oserva l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu, ma kien hemm l-ebda perikolu ravvizat fil-konfront ta' terzi. Is-sewqan tal-appellant kien kif deskritt mill-Qorti fis-sentenza appena citata ta' Maximillian Ciantar li l-apppellant iddipartixxa minn livell ta' sewqan li kien mistenni minn sewwieq prudenti u ragonevoli. Il-fatt li huwa kiser u saq kontra is-sinjal tat-traffiku jammonta ghal sewqan traskurat.

Dwar il-piena jinghad li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun

sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[12]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[13]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[14] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**, rega gie ribadit li "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[15]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell Kriminali numru: 78/2007)
[13] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[14] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

Illi il-piena li l-legislatur haseb ghaliha f'kaz ta' sewqan bla kont hija dik preskritta fl-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li *il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.* Ghalhekk f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti ghazlet li tmur lejn il-minimum pero f'dan il-kaz din il-Qorti ma hiex qed issib lill-appellant hati ta' sewqan bla kont izda ta' sewqan traskurat u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan hija mandatorja pero ghal zmien inqas u cioe dik ta' tmint ijiem.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti f'dik il-parti fejn lliberatu mill-akkuzi kollha salv it-tieni akkuza, pero' qeghda timmodifika s-sentenza fir-rigward tal-htija tat-tieni akkuza billi minlfok issibu hati ta' sewqan bla kont qed issibu hati tar-reat kompriz u involut ta' sewqan traskurat u ghalhekk sejra timmodifika ukoll il-piena inflitta billi minflok ma tikkundannah ghas-somma ta' tlett mitt euro (€300) qeghda tikkundannah ghas-somma ta' mitt euro (€100) u qed timmodifikaha fir-rigward tal-iskwalifika u flok l-erbgha xhur skwalifika qed tikkundannah ghal tmint jiem sospensjoni liema perijodu jibda illum f'nofs il-lejl.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur